XAGĦRA

# Kunsill Lokali Xagħra

## Il-Pjan tat-Tliet Snin

## 2011 - 2013

## Werrej


| | |
|---|---|
| Introduzzjoni u Analiúi tas-Sitwazzjoni | 1 |
| Il-'Mission statement' u l-Valuri | 2 |
| Æanijiet, Riúultati Mistennija u Strateíiji | 3 |
| Analiúi tal-Óidma tal-Kunsill | 6 |
| Úvilupp Kapitali | 15 |

Il-Kunsill Lokali tax-Xagħra ilu jiffunzjona għal dawn l-aħħar tlettax-il sena. Waqt li l-funzjoni prinċipali tiegħu fl-ewwel sena kienet iż-żamma ta' l-indafa, fit-tieni sena l-Kunsill ingħata iktar poteri. Fil-fatt, b'effett mill-ewwel ta' April 1995, il-Kunsill daħal responsabbli għall-kuntratti ġodda li jinkludu l-bankini u t-toroq, manutenzjoni tal-ġonna pubbliċi (fil-każ tax-Xagħra dak tal-*playing field* u dak ta' fejn il-Mitħna), tindif tal-bajja tar-Ramla u s-sinjali u l-marki tat-traffiku. B'effett mill-1 ta' Jannar 1997 il-Kunsill huwa responsabbli li jigbor l-liċenzji tal-ħwienet u stabbilimenti registrati fuq ix-Xagħra. Devoluzzjoni oħra riċenti hi l-manutenzjoni tad-dwal fit-toroq flimkien ma' twaħħil ta' lampi ġodda u responsabbilta tal-librerija lokali tar-raħal li qed naħddmu fuqha sabiex tkun ta' l-aqwa kwalita.

L-isfidi futuri prinċipali għal dan il-Kunsill huma:

a) li jżomm ir-ritmu ta' tindif fl-ambjent u tindif fit-toroq tal-lokalita' tagħna;

b) li jżomm bilanċ bejn id-dħul u l-infiq tiegħu billi jħalli riservi adegwati għall-proġetti speċjali; dawn jinkludu asfaltar ta' toroq, bini ta' *water culverts*, għoti ta' konkos, it-taħwil ta' siġar u tindif ġol-Wied tar-Ramla u

c) li jipprovdi faċilitajiet sportivi għar-residenti li jinkludu *playing equipment* fil-*playing fields* kollha tar-raħal.

Il-Kunsill qiegħed joffri diversi servizzi lir-residenti li jinkludu organizzazzjoni ta' diversi korsijiet edukattivi bħal kompjuter u korsijiet f'diversi lingwi. Il-Kunsill qiegħed joffri wkoll li servizz ta' *internet* waqt li kompla jmexxi ċentru għall-anzjani fir-raħal stess. Il-Kunsill qiegħed jagħmel ħiltu wkoll biex izomm lir-raħal nadif kemm jista' jkun.

Il-Kunsill asfalta Triq San Marzjal, Triq San Ġużepp, Triq Jannar, Triq Sant'Anton, Pjazza Sant'Anton, Triq Santa Verna, Triq it-Tiġrija, Triq Għajn Damma, Triq Parisot, Triq il-Knisja, Triq l-Għejjun, Triq Ġużeppi Grech, id-Daħla fejn l-Għar ta' Għejżu, Triq Bullara, Triq John Otto Bayer, Triq l-Isqof Rużar Farruġia, Triq ta' Stellini, Triq Għajn Wajtar u parti minn Triq Ġużeppi Grech, Triq Mannar, parti minn Triq Marsalforn, parti minn Triq Ġħajn Qamar, parti minn Triq Gajdoru, Triq Ġnejna, Triq Dun Ġorġ Preca, Triq Ġorf, Triq Sruġ u parti Triq Għajn Ħosna u Triq Għonqa u ser ikompli bi programm sħiħ ta' asfaltar fosthom it-toroq Gnien Imrik, Patri Mattew Sultana u Vestru u anki Tirq Marsalforn.

Il-Kunsill, għadu kemm ħa d-devoluzzjoni ta' l-uffiċċju amministrattiv mnejn jopera sabiex ikun jista' jibdlu f'post xieraq għaż-żminijet tal-lum. Barra minhekk il-Kunsill qiegħed jagħti servizz tajjeb ħafna fil-librerija lokali lir-residenti u t-tfal kollha tar-raħal.

Jiena ċert li dawn il-bidliet se jgħinu biex itejbu x-Xagħra u b'hekk jgħinuna nkunu ta' mudell ghal kunsilli oħra.

**Joseph Cordina**
**Sindku**

## 2.1 Il-'Mission Statement'

L-għan prinċipali ta' dan il-Kunsill matul it-tliet snin li ġejjin huwa li, permezz ta' konsultazzjoni mar-residenti, jkun ta' servizz kontinwu għall-istess residenti tax-Xagħra waqt li jamministra bl-aħjar mod possibbli r-riżorsi finanzjarji tiegħu.

## 2.2 Il-Valuri

Il-valuri li jħaddan dan il-Kunsill huma:

1) li jkabbar kemm jista' jkun il-ġid tal-kommunita' kollha waqt li jirrispetta l-bżonnijiet ta' ndividwi u setturi partikulari;

2) li jikkonsulta lill-membri kollha tal-komunita li jirrappreżenta u jipprova jsolvi l-ilmenti kollha li huma jressqu waqt li jistenna li jkun konsultat mill-awtoritajiet konċernati;

3) li jirrispetta l-ambjent u l-wirt kulturali u storiku tax-Xagħra;

4) li jkun ġust u trasparenti fl-amministrazzjoni tiegħu u

5) li jipprovdi u jirċievi l-aħjar servizz possibbli.

## 3.1 Għanijiet u riżultati mistennija fl-ewwel sena (2011)

| Għanijiet | Riżultati Mistennija |
| --- | --- |
| 1) Kontroll fuq l-ispiża skond kif ivvutata fl-estimi finanzjarji waqt li nassiguraw li l-fondi jintefqu fuq l-aħjar servizzi moghtija . | 1) Il-Kunsill qed joffri servizz kontinwu ta’ manutenzjoni tat-toroq u sinjali tat-traffiku. |
| 2) Li ntejbu s-servizz mogħti lir-residenti meta jressqu l-ilmenti tagħhom. | 2) Il-Kunsill installa servizz ta’ *internet* fis-sit tal-librerija lokali tiegħu biex il-poplu jkun jista' jinqeda ahjar. |
| 3) Titjib tax-xogħol u servizzi mogħtija permezz tad-diversi kuntratti. | 3) Li c-ċittadin ikun moqdi kemm jista' jkun malajr u bl-aħjar mod possibbli. |
| 4) Definizzjoni u mplimentazzjoni ta' programm biex insebbħu l-ambjent tar-rahal. | 4) Tibdil tad-dehra ta’ Vjal it-Tmienja ta’ Settembru fosthom bini ta' faċilitajiet sportivi u *playing equipment* fil-*playing fields* u ġonna li għandna fir-raħal. |
| 5) Li jikkonsulta mar-residenti fuq materji mportanti waqt li jistenna konsultazzjoni mill-awtoritajiet. | 5) Isejjaħ laqgħat pubbliċi fuq kwistjonijiet ta' ċertu mportanza waqt li jinsisti ma' l-awtoritajiet biex jiġi kkonsultat fuq kull materja li tikkonċerna r-raħal. |

## 3.2 Għanijiet u riżultati mistennija fuq tlett snin (2012 u 2013):

| **Għanijiet** | **Riżultati Mistennija** |
| --- | --- |
| 1) Użu aħjar ta' l-apparat teknoloġiku fl-uffiċċji amministrattivi tal-Kunsill | 1) Il-Kunsill qiegħed fil-process li jaġġorna l-apparat ta' kompjuter u *photocopiers* fl-ufficcji amministrattivi sew għall-użu amministrattiv u anki bħala servizz għall-pubbliku waqt li se jkompli diversi korsijiet fil-komputer għall-pubbliku u anki għall-impjegati tiegħu għal iktar effiċjenza u preċiżjoni fit-transazzjonijiet finanzjarji. |
| 2) Possibbilta' li jiżdied id-dħul tal-Kunsill waqt li l-ispiża tinżamm l-inqas possibbli. | 2) Huwa proġettat li d-dħul mill-gvern ċentrali jibqa' l-istess dawn is-sentejn. Pero qegħdin nippruvaw inżidu d-dħul tagħna minn sorsi oħra. Huwa maħsub ukoll li tiġi kkontrollata l-ispiża biex jiġu pprovduti s-servizzi permezz tad-diversi kuntratti u anki jiġu attwati id-diversi proġetti maħsubin mill-Kunsill. |
| 3) Li jinstabu persuni addattati biex jgħinu fl-attivitajiet tal-Kunsill. | 3) Tittejjeb l-organiżazzjoni ta' dawn l-attivitajiet biex il-poplu jkun moqdi aħjar. |

### 3.3 Strateġiji

Il-Kunsill iddiskuta fit-tul l-istrateġiji li se jaddotta f'dawn it-tliet snin biex jiżgura li l-oġġettivi u l-pjanijiet li huwa għamel jiġu milħuqa. Dawn l-istrateġiji huma mmirati biex jikkrejaw opportunitajiet ġodda u jevitaw sitwazzjonijiet li jistgħu jkunu ta' theddida ghas-suċċess tal-Kunsill.

L-istrateġiji għas-snin Jannar 2011 – Diċembru 2013 għalhekk huma:

1) Li niżviluppaw relazzjonijiet kummerċjali ma' kunsilli lokali oħrajn, dipartimenti tal-gvern u anki kuntratturi privati biex nakkwistaw l-aħjar servizz possibbli bl-inqas spiża għall-Kunsill;

2) Li ninkoraġixxu djalogu, rispett u li naħdmu flimkien f'tim wieħed anki permezz ta' konsultazzjoni mar-residenti fuq materji importanti;

3) Li nużaw l-aħjar metodi tekniċi ta' tmexxija u

4) Li ninvolvu lill-kommunitajiet residenzjali u kummerċjali fil-finanzjament ta' proġetti kapitali u soċjali biex nikkrejaw diversi żviluppi ghall-benefiċċju li jitgawda fit-tul min-nies tar-raħal stess.

## 4.1 Organiżazzjoni

L-organiżazzjoni tal-Kunsill tiżgura li l-Kunsill jaħdem b'mod effettiv fl-amministrazzjoni tiegħu.

**Sindku u Kunsill**

**Segretarju Eżekuttiv**

**Assistant Principal u Uffiċjal Eżekuttiv**

L-istrategiji jiġu deċizi mill-Kunsill u eżegwiti mis-Sindku, mis-segretarju eżekuttiv, mill-*assistant principal* u mill-uffiċjal eżekuttiv tal-Kunsill.

Barra minn hekk il-Kunsill jikkonsulta mal-partijiet konċernati qabel ma jieħu deċizjoni finali.

Kemm is-segretarju eżekuttiv kif ukoll l-*assistant principal* u l-uffiċjal eżekuttiv qegħdin għas-servizz tal-kunsillierakollha u huma l-persuni li jagħmlu kuntatt mar-residenti f'isem il-Kunsill. Liilmenti kollha jigu rreġistrati u tittieħed azzjoni fl-inqas żmien possibbli. Is-segretarju eżekuttiv huwa responsabbli wkoll li jagħmel l-appuntamenti neċessarji tal-Kunsill ma' l-awtoritajiet kompetenti u li jgħaddi l-messaġġi relevanti lill-kunsilliera kollha.

**4.2 Attivitajiet Ġenerali** L-isforzi tagħna li nkunu Kunsill effiċjenti mhumiex limitati biss għall-organiżazzjoni u l-kwalita' tas-servizz li noffru imma wkoll fid-diversi proġetti kapitali u fix-xogħol tal-Kumitati li huwa ppjanat li jsir fit-tliet snin li ġejjin. Dawn jinkludu l-asfaltar tat-toroq prinċipali tar-raħal.

L-attivitajiet prinċipali tagħna u l-progress li għamilna f'diversi oqsma ġew deskritti fl-aħħar rapport annwali. Is-Sindku, fl-introduzzjoni tiegħu għall-Pjan tat-Tliet Snin, iddiskuta l-progress fid-diversi servizzi mogħtija mill-Kunsill lir-residenti.

Il-Kunsill qed jagħmel l-almu kollu tiegħu biex kemm il-kunsilliera kif ukoll l-impjegati tal-Kunsill ikunu nfurmati fuq l-aħjar metodi ta' tmexxija f'dak li jirrigwarda it-tmexxija ta' l-affarijiet tal-Kunsill u biex inkunu dejjem iktar ta' servizz għall-kommunita'.

Il-Kunsill hu mpenjat li li jirestawra Pjazza Vitorja u anki l-entratura kollha tar-raħal li jinkludi r-rinnovament tal- *welcome notice board* informattiva fil-bidu tar-raħal.

Il-Kunsill qiegħed joffri s-servizz ta' l-*internet* lir-residenti. Il-*web site* tal-Kunsill qed isservi bħala sors ta' informazzjoni għall-pubbliku. Il-Kunsill qed jaħdem ħafna sabiex tingħata promozzjoni lir-raħal permezz ta' attivitajiet kulturali, reliġjużi u ta' divertiment. Qegħdin norganiżżaw diversi korsijiet kemm tal-kompjuters kif ukoll ta' diversi suġġetti oħra li huma ta' nteress kemm għat-tfal kif ukoll għall-kbar.

Il-Kunsill iħossu responsabbli li jżid l-effiċjenza u l-effettivita' tiegħu biex itejjeb is-servizz li joffri lir-residenti tar-raħal. Għalhekk qed nagħmlu l-almu kollu tagħna sabiex ikollna uffiċċju amministrattiv modern li jkun xieraq għaż-żminijiet tal-lum. Ta' min isemmi li fl-aħħar snin ftaħna librerija lokali xierqa għaż-żminijiet tal-lum u li ser taqdi b'mod eċċellenti lir-residenti u t-tfal tagħna.

Il-Kunsill qiegħed jorganizza diversi attivitajiet għall-anzjani tagħna li jattendu ċ-Ċentru ta' Matul il-Jum kull ġimgħa inkluż ħarġiet kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex.

Aħna lkoll fiduċjuzi li, bil-mod il-mod qegħdin nittrasformaw lir-raħal tax-Xagħra f'waħda mill-aħjar lokalitatajiet f'Malta u Għawdex.

**Joseph Azzopardi**
**Segretarju Eżekuttiv**

## 5.1 Stima Finanzjarja ghal Tlett Snin

| | | a | b | c | c-b |
|---|---|---|---|---|---|
| **NRU. TAL-KONT** | **DESKRIZZJONI** | **STIMA 2011** (LM) | **STIMA 2012** (LM) | **STIMA 2013** (LM) | **STIMA 2010-2012 (LM)** |
| | **Dhul** | | | | |
| 0000 | Tal-Gvern | 457,203.00 | 457,203.00 | 457,203.00 | **1,371,609.00** |
| 0020 | Bye-laws | 3,150.00 | 3,150.00 | 3,150.00 | **9,450.00** |
| 0090 | Investiment | 1,550.00 | 1,550.00 | 1,550.00 | **4,650.00** |
| | TOTAL | **461,903.00** | **461,903.00** | **461,903.00** | **1,385,709.00** |
| | **Infieq** | | | | |
| 1000 | Salarji u Pagi | 80,658.33 | 81,781.97 | 82,877.35 | 245,317.65 |
| 2000 | Manutensjoni u Xogholijiet ohra | 262,064.00 | 262,064.00 | 262,064.00 | 786,192.00 |
| 7000 | Infieq Kapitali | 183,500.00 | 110,000.00 | 110,000.00 | 403,500.00 |
| | TOTAL | **526,222.33** | **453,845.97** | **454,941.35** | **1,435,009.65** |
| | **SURPLUS/DEFICIT** | **(64,319.33)** | **8,057.03** | **6,961.65** | **(49,300.65)** |
| | **BROUGHT FORWARD** | 65000 | 680.67 | 8,737.70 | |
| | **CARRIED FORWARD** | 680.67 | 8,737.70 | 15,699.35 | (49,300.65) |

## 5.2 Noti

<u>Dħul</u> - Il-Kunsill qed jassumi li d-dħul normali mill-gvern ċentrali sejibqa' l-istess matul dawn it-tliet snin.

- Dħul minn kontribuzzjonijiet u donazzjonijiet u minn interessi bankarji mistenni li ma jinbidilx. matul it-tlett snin. Dħul ġenerali mistenni wkoll jibqa' l-istess matul dawn it-tlett snin.

<u>Infieq</u> - L-ispiża fuq salarji u pagi u l- kontribuzzjonijiet tas-sigurta' soċjali huma mistennija li jizdiedu b'1.3 fil-mija għas-sena finanzjarja 2012 u bl-istess ammont fis-sena 2013.

- L-ispiża totali fuq manutensjoni u xogħolijiet oħra mistennija li jibqgħu l-istess matul is-sena 2011 u bl-istess ammont fis-sena finanzjarja 2012.

- L-ispiża kapitali tiddependi fuq ir-riżorsi finanzjarji li jibqgħalu l-Kunsill wara li jinqatgħu l-ispejjeż l-oħrajn.

## 5.3 Stima ta' Dhul ghal Tlett Snin

| NRU. TAL-KONT | DESKRIZZJONI | STIMA 2011 (EURO) | STIMA 2012 (EURO) | STIMA 2013 (EURO) | STIMA 2010-2012 (EURO) |
|---|---|---|---|---|---|
| | **Dhul** | | | | |
| 0000 | Tal-Gvern | | | | |
| 0001 | Annwali | 442,003.00 | 442,003.00 | 442,003.00 | 1,326,009.00 |
| 0002 | Supplimentari | | | | |
| 0003 | Bzonnijiet Specjali | | | | |
| 0004 | Entitajiet Publici/governattivi | 13,000.00 | 13,000.00 | 13,000.00 | 39,000.00 |
| 0022 | Servizzi ta' librar | 2,200.00 | 2,200.00 | 2,200.00 | 6,600.00 |
| | | **457,203.00** | **457,203.00** | **457,203.00** | **1,371,609.00** |
| 0020 | Bye-Laws | | | | |
| 0036 | Kontravvenzjonijiet ta' bye-laws | 100.00 | 100.00 | 100.00 | 300.00 |
| 0066/0067 | Generali | 500.00 | 500.00 | 500.00 | 1,500.00 |
| 0071/0073 | Dhul minn Permessi | 2,500.00 | 2,500.00 | 2,500.00 | 7,500.00 |
| 0110 | Donazzjonijiet | 50.00 | 50.00 | 50.00 | 150.00 |
| | | **3,150.00** | **3,150.00** | **3,150.00** | **9,450.00** |
| 0090 | Investiment | | | | |
| 0091 | Interess Bankarju | 1,550.00 | 1,550.00 | 1,550.00 | 4,650.00 |
| 0096 | Sigurtajiet tal-Gvern | | | | |
| | | **1,550.00** | **1,550.00** | **1,550.00** | **4,650.00** |
| | **TOTAL** | **461,903.00** | **461,903.00** | **461,903.00** | **1,385,709.00** |

## 5.4 Stima ta' Infieq ghal Tlett Snin

| NRU. TAL-KONT | DESKRIZZJONI | STIMA 2011 (LM) | STIMA 2012 (LM) | STIMA 2013 (LM) | STIMA 2010-2012 (LM) |
|---|---|---|---|---|---|
| | **Infieq** | | | | |
| 1000 | Salarji u Pagi | | | | |
| 1100 | Onorarja tas-Sindku | 8,922.96 | 8,922.96 | 8,922.96 | 26,768.88 |
| 1150 | *Allowances* tal-kunsilliera | 6,400.00 | 6,400.00 | 6,400.00 | 19,200.00 |
| 1200 | Salarji u pagi ta' l-impjegati | 53,695.00 | 54,768.90 | 55,864.28 | 164,328.18 |
| 1300 | Bonus | 4,941.03 | 4,941.03 | 4,941.03 | 14,823.09 |
| 1400 | Dhul Supplimentari | 726.96 | 726.96 | 726.96 | 2,180.88 |
| 1500 | Kontribuzzjonijet ta' Sigurta Socjali | 4,982.38 | 5,090.12 | 5,090.12 | 15,162.62 |
| 1600 | 'Allowances' | 990.00 | 932.00 | 932.00 | 2,854.00 |
| 1700 | 'Overtime' | | | | |
| | | **80,658.33** | **81,781.97** | **82,877.35** | **245,317.65** |
| 2000 | Manutensjoni u Xogholijiet ohra | | | | |
| 2100 | Dawl, ilma, telefon,etc. | 7,600.00 | 7,600.00 | 7,600.00 | 22,800.00 |
| 2200 | Xiri ta' Materjal (Materials & Supplies) | 820.00 | 820.00 | 820.00 | 2,460.00 |
| 2300 | Tiswijiet u manutensjoni | 97,500.00 | 97,500.00 | 97,500.00 | 292,500.00 |
| 2400 | Kera | 933.00 | 933.00 | 933.00 | 2,799.00 |
| 2500 | Shubija f'Assocjazzjonijiet Internazzjonali | 1,300.00 | 1,300.00 | 1,300.00 | 3,900.00 |
| 2600 | Spejjes ta' l-Ufficcju | 2,750.00 | 2,750.00 | 2,750.00 | 8,250.00 |
| 2700 | Trasport | 4,300.00 | 4,300.00 | 4,300.00 | 12,900.00 |
| 2800 | Vjaggar/safar | 1,500.00 | 1,500.00 | 1,500.00 | 4,500.00 |
| 2900 | Informazzjoni ghall-Publiku | 3,000.00 | 3,000.00 | 3,000.00 | 9,000.00 |
| 3000 | Servizzi b' Kuntratt | 93,951.00 | 93,951.00 | 93,951.00 | 281,853.00 |
| 3100 | Servizzi Professjonali | 7,860.00 | 7,860.00 | 7,860.00 | 23,580.00 |
| 3200 | Training | | | | |
| 3300 | Ospitalita u servizzi lill-Komunita | 40,000.00 | 40,000.00 | 40,000.00 | 120,000.00 |
| 3400 | Spejjes Incidentali | 550.00 | 550.00 | 550.00 | 1,650.00 |
| | | **262,064.00** | **262,064.00** | **262,064.00** | **786,192.00** |
| 7000 | Infieq Kapitali | | | | |
| 7001 | Xiri ta' propjeta | | | | |
| 7100 | Bini | 173,500.00 | 100,000.00 | 100,000.00 | 373,500.00 |
| 7200 | Titjib | 10,000.00 | 10,000.00 | 10,000.00 | 30,000.00 |
| 7300 | Makkinarju u Apparat | | | | |
| | | **183,500.00** | **110,000.00** | **110,000.00** | **403,500.00** |
| | **TOTAL** | **526,222.33** | **453,845.97** | **454,941.35** | **1,435,009.65** |

### 5.5 Indikaturi biex titkejjel l-Effiċjenza u l-Infieq

IKKOPJA T-TEMPLATE "IKKOPJA T-TEMPLATE "55BUSPLM.XLT" 1"

### 5.6 Indikaturi biex titkejjel l-Effettivita

IKKOPJA T-TEMPLATE "IKKOPJA T-TEMPLATE "55BUSPLM.XLT" 2"

**5.7 Indikaturi biex jitkejlu x-Xogħolijiet tat-Tiswija u tal-Manutensjoni - Rappreżentazzjoni Grafika**

| **Effiċjenza** | **Effettivita** |
|---|---|
| Chart 1 IKKOPJA T-TEMPLATE "55BUSPLM.XLT" | Chart 10 IKKOPJA T-TEMPLATE "55BUSPLM.XLT" |
| **Toroq/Bankini -Lm/1000 m** | **Toroq/Bankini -Ilmenti/1000 m** |
| Chart 2 IKKOPJA T-TEMPLATE "55BUSPLM.XLT" | Chart 11 IKKOPJA T-TEMPLATE "55BUSPLM.XLT" |
| **Marki fit-toroq - Lm / 1000 m** | **Marki fit-toroq - Ilmenti / 1000 m** |
| Chart 3 IKKOPJA T-TEMPLATE "55BUSPLM.XLT" | Chart 12 IKKOPJA T-TEMPLATE "55BUSPLM.XLT" |
| **Passaġġi - Lm/1000 m** | **Passaġġi - Ilmenti/1000 m** |
| Chart 4 IKKOPJA T-TEMPLATE "55BUSPLM.XLT" | Chart 13 IKKOPJA T-TEMPLATE "55BUSPLM.XLT" |
| **Sinjali - Lm/1000 each** | **Sinjali - Ilmenti/1000 each** |

### 5.8 Indikaturi biex titkejjel il-'Performance' tal-Funzjoni tas-Servizzi - Rappreżentazzjoni Grafika

Effiċjenza

Chart 5 IKKOPJA T-TEMPLATE "55BUSPLM.XLT"

**Ġbir ta' l-iskart - Lm/bini**

Chart 6 IKKOPJA T-TEMPLATE "55BUSPLM.XLT"

**Tindif tat-toroq - Lm/1000 m**

Chart 7 IKKOPJA T-TEMPLATE "55BUSPLM.XLT"

**Latrini Publiċi - Lm/wieħed**

Chart 8 IKKOPJA T-TEMPLATE "55BUSPLM.XLT"

**Ġonna/'verges' - Lm/1000 sq m**

Chart 9 IKKOPJA T-TEMPLATE "55BUSPLM.XLT"

**Bajjiet/Kosta - Lm/1000 sq m**

Effettivita

Chart 14 IKKOPJA T-TEMPLATE "55BUSPLM.XLT"

**Ġbir ta' l-iskart - Ilmenti/bini**

Chart 15 IKKOPJA T-TEMPLATE "55BUSPLM.XLT"

**Tindif tat-toroq - Ilmenti/1000 m**

Chart 16 IKKOPJA T-TEMPLATE "55BUSPLM.XLT"

**Latrini Publici - Ilmenti/wieħed**

Chart 17 IKKOPJA T-TEMPLATE "55BUSPLM.XLT"

**Gonna/'verges' - Ilmenti/1000 sq m**

Chart 18 IKKOPJA T-TEMPLATE "55BUSPLM.XLT"

**Bajjiet/Kosta - Ilmenti/1000 sq m**

**5.9 Kummenti Ġenerali -** Il-Kunsill qiegħed jipproġetta li jonfoq il-flus kollha li jdaħħal matul dan il-perjodu ta' tliet snin. Is-snin finanzjarji li dan il-Pjan jinkludi juru nefqa fuq proġetti kapitali peress li l-Kunsill beħsiebu jkompli bl-asfaltar tat-toroq u asfaltar bil-konkos ta' diversi passaġġi u jirrestawra s-Salib ta' Pjazza l-Vittorja flimkien mat-tisbiħ ta' l-istess pjazza . Proġetti oħrajn jinkludu *embellishments* ta' diversi *areas*.

**Dħul** - Il-Kunsill qiegħed jipproġetta li d-dħul normali jibqa' l-istess jibqa' kif inhu matul dan il-perjodu ta' tliet snin. Dħul ieħor minn bżonnijiet speċjali u interessi bankarji mhux mistenni li jinbidel.

**Infieq** - L-ispiża fuq salarji u pagi u l- kontribuzzjonijiet tas-sigurta' soċjali huma mistennija li jizdiedu b'madwar 4.5 fil-mija għas-sena finanzjarja 2011 u bl-istess ammont is-sena ta' wara.

- L-ispiża totali fuq manutensjoni u xogħlijiet oħra mistenni li tibqa' l-istess fis-sena finanzjarja 2011 u fis-sena finanzjarja 2012.

**'Performance' -** Għalkemm il-prezzijiet jistgħu jogħlew xi ftit, il-Kunsill qiegħed jipprova jnaqqas kemm jista' l-ispiza fuq il- kuntratti, anki billi juża s-servizzi tal-ħaddiema assenjati magħna. Fl-istess ħin huwa qiegħed jiżgura li jingħata l-aħjar servizz mid-diversi dipartimenti li magħhom għandu l-kuntratti ffirmati. B'hekk jonqsu l-ilmenti mir-residenti u l-kommunita' tinqeda aħjar.

# *6.0 Żvilupp Kapitali*

## 6.1 Stima ta' Żvilupp Kapitali għal Tlett Snin

| **Nru. tal-Kont** Nru. tal-Progett | **Infieq Kapitali** Deskrizzjoni tal-Progett | **2011** PROGETT **EWRO** | PROGETT **EWRO** | **2012** PROGETT **EWRO** | PROGETT **EWRO** | **2013** PROGETT **EWRO** | PROGETT **EWRO** | **2011-2013** PROGETT **EWRO** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 7001 | **Xiri ta' Propjeta** | | | | | | | |
| 7100 | **Bini/Kostruzzjoni** | **173,500.00** | 173,500.00 | **100,000.00** | | **100,000.00** | | **373,500.00** |
| | Asfaltar tat-toroq | | 163,500.00 | | 100,000.00 | | 100,000.00 | |
| | Bini ta' *water culverts* | | | | | | | |
| | Bini ta' l-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill | | 10,000.00 | | | | | |
| 7200 | **Titjib** | **10,000.00** | | **10,000.00** | 10,000.00 | **10,000.00** | 10,000.00 | **30,000.00** |
| | Titji urban bhal bankijiet, belvederes ecc | | 5,000.00 | | 5,000.00 | | 5,000.00 | |
| | Ghamara ghall-Ufficcju tal-Kunsill | | 5,000.00 | | 5,000.00 | | 5,000.00 | |
| | Sinjali godda tat-traffiku | | | | | | | |
| 7300 | **Makkinarju u Apparat** Apparat ghall-Ufficcju tal-Kunsill | | | | | | | |
| 7500 | **Progetti Specjali** | | | | | | | |
| | **Total Progetti Godda** | **183,500.00** | | **110,000.00** | | **110,000.00** | | **403,500.00** |

## 6.2 Noti

L-asfaltar ta' toroq għandu jkompli fis-snin li ġejjin bl-asfaltar ta' Triq Ġnien Imrik, Triq Patri Mattew Sultana, Triq Vestru, Triq George Mcadam, Triq Vinċens Cauchi, Triq Għajn Lukin  u Triq Mikelanġ Pace u parti minn Triq Marsalforn.

## 6.3 Dettalji dwar Proġetti ta' Żvilupp Kapitali

**Proġetti**

001 Il-Kunsill qiegħed jibni diversi *water culverts* sabiex jipprova jtaffi l-problema tal-mogħdija ta' l-ilma;

002 Il-Kunsill qed jivvota fondi għall-proġett ta' bini mill-ġdid ta' l-uffiċċju amministrattiv u

003 Qegħdin jiġu allokati fondi għal dan il-għan biex il-Kunsill ikun jista' jiffinanzja asfaltar ta' toroq meta jinħass il-bzonn. Barra minn hekk kull sena ċerti passaġġi qegħdin jingħataw il-konkos.